MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 128/2007/1

**Frances Bergedahl a nom**
**u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` Central Mediterranean Corporation**
**Limited**
**(Reg. Nru. C 453)**

**v.**

**Francis Formosa**

**Il-Qorti:**

Din hi kawza fejn is-socjeta` attrici talbet hlas ta' penali patwit fil-kuntratt datat 28 ta' Novembru, 1980, peress li, b'sentenza precedenti, gie dikjarat u deciz li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt billi ghamel uzu ta' *boat house*, lilu koncess in sub-enfitewsi, bhala residenza. Il-konvenut baqa' kontumaci u l-Prim' Awla tal-Qorti Civil, wara li semghet il-provi, ikkundannatu jhallas is-somma ta' €142,445.84. Il-konvenut sar jaf bis-sentenza, u ressaq appell u bl-ewwel zewg aggravji tieghu qed jikkontesta l-istat ta' kontumacja tieghu, peress li jqis li hu ma giex notifikat bl-att promotorju.

Din is-sentenza hija limitata ghal dawn iz-zewg aggravji marbuta mal-kontumacja tal-konvenut.

Il-konvenut gie notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); l-allegazzjoni tal-konvenut hi li hu ma sabx kopja tal-att imwahhal mal-bieb tar-residenza tieghu kif trid il-ligi.

Jirrizulta li din il-kawza giet ipprezentata fit-2 ta' Frar, 2007, u r-riferta tan-notifika, li jidher li giet ittentata bil-purtier, tirrizulta negattiva peress li "ma fetah hadd"; din ir-riferta ggib id-data tat-2 ta' Marzu, 2007. Sar tentattiv iehor ta' notifika bil-purtier, izda hawn ukoll, ir-riferta, li ggib id-data tat-22 ta' Marzu, 2007, hi negattiva. Fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2007, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat in-notifika "bl-affissjoni", li tfisser notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) imsemmi.

Din in-"notifika" saret billi fis-16 ta' April, 2007, l-ufficjal tal-Qorti wahhal kopja tal-att promotur fl-ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali tal-Gzira u fil-post tal-konvenut "il-Gzira". L-ufficjali ezekuttiv tal-Qorti spjega li wahhal il-kopja mal-bieb 106, Triq Belvedere, Gzira; l-indirizz ma ndikahx kollu fuq ir-riferta peress, kompla jispjega, li l-indirizz kien jirrizulta mill-*folder*. L-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sar fil-harga tat-18 ta' Mejju, 2007, gie ppubblikat fil-gazzetta "L-Orizzont" fid-9 ta' Gunju, 2007, u fl-istess jum fid-"The Times". Kif inghad, il-konvenut ma wegibx ghall-kawza, u

l-ewwel Qorti semghet il-provi tas-socjeta` attrici u ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici.

F'dan l-istadju, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawza **Three Barrels Ltd. v. Schembri et**, deciza fit-13 ta' Lulju, 2001, dwar il-htiega li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tigi segwita rigorozament:
"*Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

*"(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;*

*"(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;*

*"(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.*

*"Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.*"

Il-konvenut jissottometti, fl-ewwel lok, li r-riferta "Gzira" ghat-twahhil tal-kopja tal-att mal-bieb tar-residenza hija hazina, ghax ma tindikax fejn saret l-affissjoni. Dan l-argument, pero`, mhux validu. L-Artikolu 188 tal-istess Kap. 12 jipprovdi li r-riferti ghandhom jindikaw l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha kellu jigi notifikat l-att, u "il-post

fejn l-att gie notifikat”; ma tesigix li r-riferta tindika l-indirizz shih. Dak li hu importanti, ghall-fini tal-Artikolu 187(3), hu li kopja titwahhal mal-bieb ta’ dik ir-residenza. Anke jekk riferta tista’ titqies redatta mhux ezattament konformi mal-ligi, la darba jirrizulta ppruvat li l-att twahhal, allura l-vot tal-ligi jkun sodisfatt. Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Elmo Insurance Ltd. et. v. Mangion**, deciza fit-12 ta’ Jannar, 2005, “hi ammissibbli kull prova li tista’ twassal ghal konvinciment morali tal-Qorti dwar il-fatt tan-notifika tal-att *de quo*” (ara wkoll **Sacco v. Agius**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April, 2006).

Il-konvenut jghid li hu, f’kull kaz, ma sab ebda att imwahhal mal-bieb tar-residenza tieghu. Din il-Qorti ma tarax li din il-affermazzjoni, anke jekk emnuta, twassal ghal helsien tal-konvenut mill-istat tal-kontumacja. L-Artikolu 187(3) irid biss il-pubblikazzjoni f’gurnal u fil-Gazzetta tal-Gvern, u li “titwahhal” kopja mal-bieb; la trid li dak li jkun ikun qara l-gurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal-bieb tieghu. Il-ligi timponi kriterji oggettivi u darba jirrizulta li dak li trid il-ligi twettaq, il-konvenut f’kawza ghandu jitqies notifikat ghal kull fini u effetti tal-ligi. Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jghid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tieghu; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-ligi. Il-ligi trid taghti l-pubblicita` l-aktar ampja possibbli ghall-avviz ta’ kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oggettiv ghax altrimenti dak li jkun ikun jista’ dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki. Kieku l-ligi riedet prova li l-att imwahhal mal-bieb jinqara mill-persuna li gie notifikat, mhux biss dan kienet tghidu, izda wkoll ma kenitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, ghax la darba l-att jingabar, in-notifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta’ pubblicita` li tipprovdi l-ligi gew maghmula biex jindikaw, *iuris et de iure*, <u>notifika personali</u> u darba dak li trid il-ligi gie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal-istess.

Kieku l-Qorti kellha tadotta test soggettiv, dan mhux biss jaghti lok ghal abbuz, izda jigi imminat l-effett ta’ *res iudicata*, peress li jinfethu wkoll il-bibien ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12, b’mod li sa

hames snin wara s-sentenza, dak li jkun jista’ jattakka d-decizjoni billi jghid li ma kienx gie notifikat – ghax ma sabx l-affissjoni mal-bieb!

Kif gia` inghad, jekk nesigu li dak li jkun ikun effettivament induna bl-affissjoni, allura ma jkunx hemm lok la ghall-pubblikazzjoni u lanqas ghall-affissjoni mal-Ghassa u l-Kunsill Lokali, ghax dawn ikunu inutili – ghax il-Qorti trid tkun certa li l-konvenut qara l-kopja imwahhla mal-bieb tieghu.  Il-ligi, pero`, ma titlobx dan: hi tipprovdi ghall-pubblicita` l-aktar wiesgha possibbli, izda ma tesigix li dak li jkun induna bl-att ippubblicizzat.  Jekk se nesigu qari tal-att, allura n-notifika tkun trid issir dejjem bil-purtier u personali, u ma jkun hemm qatt skop ta’ notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni.  Dan jikkonferma l-oggettivita` tal-procedura.

Wiehed irid ifakkar ukoll li l-gurament tal-konvenut, f’dan il-kaz, mhux kontrollabbli u hu differenti minn gurament dwar meritu li huwa kontrollabbli mill-parti l-ohra li jista’ jressaq provi kuntrarji.  F’dan il-kaz jekk il-konvenut jghid li ma sabx l-att mal-bieb, m’hemmx x’taghmel, la mill-parti l-ohra u lanqas mill-Qorti, ghax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija.  Huwa minhabba l-impossibbilita` ta’ kontradizzjoni li l-ligi timponi test oggettiv: jekk gew esegwiti l-proceduri li trid il-ligi, allura n-notifika saret.

Il-konvenut ilmenta wkoll mill-fatt li, qabel in-notifika ai termini tal-Artikolu 187(3), ma sarx tentattiv ta’ notifika wara l-hinijiet legali.  Hu veru li ma jidhirx li sar tentattiv b’dan il-mod, pero`, il-ligi ma tesigix dan.  Dan l-artikolu jawtorizza n-notifika bil-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni jekk “id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista’ jsir”.  F’dan il-kaz saru, tista’ tghid, tlett tentattivi ta’ notifika: darbtejn mill-purtier f’Marzu tal-2007, u darba ohra f’April qabel ma sar it-twahhil effettiv tal-att, kif spjega l-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti.  Hu car li ma setax jinkiseb access b’mod normali ghall-post, u kwindi kellha tintuza din il-procedura.  Hu desiderabbli li qabel ma tintuza din il-procedura jsir tentattiv ta’ notifika wara l-hinijiet legali, pero`, in-nuqqas li jsir dan, ma jwassalx ghan-nullita` tan-notifika.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad l-ewwel zewg aggravji tal-konvenut appellant u tikkonferma li hu kien u ghadu fl-istat ta' kontumacja f'din il-kawza. L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

Il-kawza hija differita biex l-istess tigi trattatta fid-dawl tal-aggravji l-ohra tal-konvenut appellant – sa fejn dawn huma kompatibbli mal-istat tieghu ta' kontumaci.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------